# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, l-24 ta' Jannar, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 854/2021**

***HSBC BANK MALTA P.L.C.***

***VS.***

***AVV. MARTIN FENECH U PL JOELINE PACE CISCALDI BĦALA KURATURI DEPUTATI APPUNTATI BIEX JIRRAPREŻENTAW LILL-ASSENTI MICHAEL ABELA U KATHLEEN ABELA***

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni finali dwar talba magħmula minn HSBC Bank Malta plc biex titlu esekuttiv maħluq b'kuntratt pubbliku jiġi mtenni esegwibbli mill-ġdid;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fis-**<u>27 ta' Awwissu, 2021</u>**, il-bank attur fisser li Michael u Kathleen miżżewġin Abela kienu fit-13 ta' Mejju, 2008, iffirmaw kuntratt quddiem in-Nutar Nicholas Briffa, fejn fih stqarrew li huma midjunin mal-bank. Jisħaq li dan il-kuntratt pubbliku huwa titlu esekuttiv u li dan it-titlu esekuttiv ġie magħmul

esegwibbli b'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tar-rikors numru 191/2012;

3. Il-bank attur iżid jgħid li għalkemm il-miżżewġin Abela wettqu maż-żminijiet xi ħlasijiet, madankollu xorta waħda baqa' bilanċ li għad irid jitħallas. Għalhekk billi għaddew għadd ta' snin u l-miżżewġin Abela baqgħu ma ħallsux id-djun kollu tagħhom, il-bank attur talab lill-qorti:

> *«tawtorizza lis-soċjetà rikorrenti tgħaddi għall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li għaddew iżjed minn ħames snin mid-data ta' l-istess kuntratt u li id-dejn għadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta minn fejn jirriżulta li r-rikorrent għandu: "jikkonferma bil-ġurament x-xorta tad-dejn..... li jkun l-esekuzzjoni tagħha u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut»;.*

4. B'digriet maħruġ fis-**<u>16 ta' Settembru, 2021</u>**, din il-qorti ordnat li l-kuraturi deputati tal-assenti Michael u Kathleen Abela jiġu notifikati b'dan ir-rikors u li jekk iridu jressqu tweġiba fi żmien għoxrin jum;

5. Il-kuraturi deputati wieġbu fil-**<u>11 ta' Ottubru, 2021</u>** u qalu hekk:

> *«1. Illi l-ewwel lok jekk saru pagamenti dan għandu jiġi rifless fis-sentenza u għalhekk l-ammont għandu jiġi ridott;*
>
> *2. Illi jekk ir-rikorrent għandu xi kuntratt mal-intimat dan għandu jgħaddieh lill-esponenti;*
>
> *Salv risposta ulterjuri meta jkun jaf fil-fatti.»*

6. Ebda risposta miżjuda ma tressqet mill-kuraturi deputati;

7. Wara li l-partijiet ressqu l-provi u s-sottomissjonijiet kollha tagħhom, ir-rikors tħalla għad-deċiżjoni għal-lum;

***Fatti***

8. B'att magħmul min-Nutar Nicholas Briffa fit-**<u>13 ta' Mejju, 2008</u>**, Kathleen Abela f'isimha stess u f'isem żewġha Michael Abela stqarret li huma midjuna mal-bank attur fis-somma ta' €237,172.27 (ara paġni 2 sa 7 tal-atti). Skont dan l-att, id-dejn kien ġej minn kuntratti ta' faċilitajiet bankarji mogħtija mill-Bank lill-miżżewġin Abela u minn imgħax li nġema' fuq il-kapital li baqa' ma ġiex imrodd lura;

9. Mir-rendikont (ara paġni 21 sa 23 tal-atti tal-kawża) provdut mill-avukata Claudia Muscat, rappreżentanta tal-bank attur, jirriżulta li mis-sena 2008 sa Ottubru, 2021, il-konvenuti miżżewġin Abela ħallsu biss €1625.33 mid-dejn tagħhom. L-aħħar ħlas ta' €94 twettaq lura fis-27 ta' April, 2012. Sadattant fuq il-kapital beda għaddej l-imgħax bit-8%, tant li sal-lum l-ammont li kellu jitħallas mill-konvenuti miżżewġa Abela spiċċa sabiex irdoppja;

10. B'digriet mogħti fis-**<u>17 ta' April, 2013</u>**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet talba tal-bank sabiex il-kuntratt tat-13 ta' Mejju, 2008 jingħata ħajja esegwibbli mill-ġdid skont l-**artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u dan peress li kienu għaddew aktar minn tliet snin minn meta kien ġie ffirmat il-kuntratt fit-13 ta' Mejju, 2008 (ara paġni 8 sa 12 tal-atti tal-kawża);

11. Kif ħalfet l-avukata Claudia Muscat, rappreżentanta tal-bank attur, permezz ta' affidavit (ara paġna 20 tal-atti), il-konvenuti miżżewġin Abela sad-29 ta' Ottubru, 2021 kellhom iħallsu lill-bank is-somma ta' €507,710.95. Din is-somma tinkludi fiha l-imgħax sempliċi fuq l-ammont oriġinali msemmi fil-kuntratt tat-13 ta' Mejju, 2008 dwar l-għarfien tad-dejn;

12. Billi l-bank attur irid jerġa' jgħajjex it-titlu esekuttiv imnissel mill-atti nutarili tat-13 ta' Mejju 2008 wara d-digriet ta' din il-qorti tas-17 ta' April, 2013, huwa ddeċieda li jressaq dan ir-rikors;

***Konsiderazzjonijiet***

13. Din hija azzjoni biex titlu esekuttiv imnissel minn att nutarili tat-13 ta' Mejju, 2008 jerġa' jiġi mtenni esegwibbli mill-ġdid skont l-**artikolu 258(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

14. Skont il-liġi, kuntratt milqugħ minn nutar pubbliku dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq u li ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt, huwa meqjus bħala titlu esekuttiv skont l-**artikolu 253(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. L-esekuzzjoni ta' kuntratt bħal dan però ma jistax isir ħlief wara jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju (ara **artikolu 256(2) tal-Kap 12**);

15. Kull titlu esekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-esekuzzjoni tiegħu (ara ***Eileen Busietta v. Adrian Busietta*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Marzu, 2014). Hekk pereżempju, fil-każ ta' kuntratt nutarili dwar dejn likwidu, ċert u li għalaq, it-terminu li fih dan jista' jiġi esegwit, wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi miġjuba bl-**Att IV tal-2016**, huwa ta' **ħames snin**. Qabel l-**Att IV tal-2016**, it-terminu kien ta' tliet snin;

16. Ġie mgħallem fil-ġurisprudenza li ż-żmien ta' esekuzzjoni msemmi fil-liġi huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni u li dan iż-żmien ta' ħames snin għandu jitqies li beda jitlaq mid-data tal-kuntratt nutarili u mhux wara l-jumejn li ssir in-notifika tal-att ġudizzjarju msemmija fl-**artikolu 256(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara f'dan is-sens is-sentenza mirquma ***Nobbli Mario Galea Testaferrata nomine v. Maria Borg*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu, 1993);

17. Kif tajjeb imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***HSBC Bank Malta p.l.c. v. Charmaine Saliba*** tat-30 ta' Settembru, 2016) ir-raġuni għal din hija għaliex,

> *«Altrimenti t-terminu jisfa wieħed soġġettiv, dipendenti fuq ir-rieda tal-kreditur. Mentri huwa ritenut li l-validità ta' titolu eżekuttiv u t-terminu relattiv, għandu jkun wieħed oġġettiv indipendentement mir-rieda tal-kreditur.»*

18. Wara li jgħaddu ħames snin minn fuq il-kuntratt nutarili, kreditur ma jistax jaqbad u jitlob li jinħarġu aktar mandati esekuttivi biex jinforza l-kreditu tiegħu. Tassew biex kreditur ikun jista' jerġa' jesegwixxi kuntratt wara li jkunu għaddew dawn il-ħames snin, huwa jrid l-ewwel iġib l-awtorizzazzjoni mill-qorti skont il-proċedura msemmija fl-**artikolu 258(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

19. Din l-awtorizzazzjoni l-kreditur jista' jiksibha skont l-**artikolu 258(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** billi jressaq rikors u billi jtenni bil-ġurament tiegħu: (i) ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha; u (ii) li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut;

20. L-awtorizzazzjoni tal-qorti skont l-**artikolu 258(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** tiskadi wara ħames snin, b'dana li jekk wara dan il-perijodu l-kreditur ikun irid jerġa' jgħajjex it-titlu esekuttiv tiegħu huwa jrid jerġa' jitlob l-awtorizzazzjoni mill-ġdid. Hekk qiegħed jagħmel il-bank attur f'din il-proċedura għaliex laħqu għaddew ħames snin mid-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħti fis-17 ta' April, 2013;

21. Siewi wkoll illi jingħad li mhuwiex meħtieġ li kreditur jippreżenta ittra uffiċjali qabel ma jipproċedi bir-rikors taħt l-**artikolu 258** biex jerġa' jagħti l-ħajja għall-esekuzzjoni tal-kuntratt (ara ***Joseph Gatt et v. Peter Agius et***, Appell Superjuri tat-23 ta' Novembru, 2020);

22. Illli l-kuraturi deputati ma joġġezzjonawx għal din it-talba biex it-titlu esekuttiv jerġa' jiġi magħmul esegwibbli. Jgħidu però fl-eċċezzjonijiet tagħhom: (i) li l-pagamenti li laħqu saru mill-miżżewġin Abela għandhom jiġu meqjusa fid-

deċiżjoni finali; u (ii) li jekk il-bank għandu xi kuntratti tal-intimati huwa għandu jnewwlu lill-kuraturi deputati;

23. Dwar it-**<u>tieni eċċezzjoni</u>**, jirriżulta li l-kuntratt li dwaru l-bank attur sejjes dawn il-proċeduri huwa dak tat-13 ta' Mejju, 2008, li ġie mehmuż bħala **Dok. HSBC1** flimkien mar-rikors maħluf (ara paġni 2 sa 7 tal-atti). Ir-rikors maħluf u dan il-kuntratt ġew notifikati personalment lid-deputati kuraturi avukat Martin Fenech u Prokuratur Legali Joelene Paċe Ċiscaldi fl-4 ta' Ottubru, 2021 (ara r-riferta f'paġna 15 tal-atti);

24. Jiġi b'hekk, li l-bank attur wettaq dak imsemmi fit-tieni eċċezzjoni tal-kuraturi deputati u għalhekk din it-tieni eċċezzjoni qiegħda tiġi mwarrba;

25. Fuq l-**<u>ewwel eċċezzjoni</u>**, il-qorti titlaq billi tgħid li f'din l-għamla ta' proċedura, xogħol il-qorti mhuwiex biex toħloq kanonizzazzjoni ġdida ta' kreditu, iżda li terġa' tgħajjex titlu esekuttiv li jkun għadda żmien minn fuqu (ara ***Middle Sea Insurance p.l.c. v. Francis Chetcuti et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021). Kif imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Edgar Fava v. Gerald Rapinett et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Frar, 2021:

> *«l-indaġini li hi trid tagħmel f'każijiet ta' din ix-xorta huwa wieħed limitat. Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża* ***Bank of Valletta plc v. Refco Co. Ltd et*** *deċiża fit-12 ta' April, 2012:*
>
> *Irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment m'huwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu esekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-esekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati.»*

26. Naturalment jekk il-konvenut jallega li huwa jkun ħallas id-dejn kollu jew f'parti minnu, allura l-qorti jkollha bilfors tidħol f'eżerċizzju ta' għarbiel biex tara jekk

tassew ikunx sar dan il-ħlas jew le (ara ***Bank of Valletta p.l.c. v. Carmelo Farrugia Melfar Ltd*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta’ Frar, 2013). Huwa sewwasew għalhekk li huwa importanti ħafna, li anke jekk il-liġi ma tgħid xejn, il-konvenut xorta waħda jiġi notifikat bir-rikors dwar talba għall-esekuzzjoni mill-ġdid ta’ titlu esekuttiv, sabiex dan ikun jista’ jwieġeb dwar jekk id-dejn għadux jeżisti jew le;

27. Meqjus dan kollu għall-każ li għandna quddiemna, jirriżulta li l-avukata Claudia Muscat, f’isem il-bank saħqet bil-ġurament tagħha f’affidavit ippreżentat fit-3 ta’ Novembru, 2021 (ara paġna 20 tal-atti), li d-dejn ta’ dan il-kuntratt għadu sal-lum baqa’ ma tħallasx min-naħa tal-konvenuti Abela, anzi dan id-dejn irdoppja ruħu minħabba l-ġmigħ tal-imgħax. Hija ppreżentat ukoll rendikont bil-ħlasijiet kollha li saru mill-miżżewġin Abela matul iż-żmien (ara paġni 21 sa 22 tal-atti);

28. Fl-atti ta’ din il-proċedura ma nġiebet l-ebda prova li tmeri jew li titfa’ dubbju dwar din l-istqarrija. Anzi l-kuraturi deputati f’isem il-konvenuti Abela straħu għalkollox fuq din id-dikjarazzjoni tar-rappreżentanta tal-bank atturi;

29. Minn dan l-aspett għalhekk anke l-ewwel eċċezzjoni tal-kuraturi deputati qiegħda tiġi mwettqa, fis-sens li qiegħed jiġi aċċertat li d-dejn dovut sal-aħħar ta’ Ottubru, 2021 mill-konvenuti miżżewġin Abela huwa ta’ €507,71.95, li miegħu jrid jiżdied l-imgħax bit-8% li sejjer jibqa’ għaddej sakemm jitwettaq il-ħlas kollu;

30. F’ċirkostanzi bħal dawn għalhekk il-qorti ma ssib l-ebda raġuni tajba għaliex m’għandhiex tilqa’ t-talba tal-bank attur biex terġa’ tgħajjex l-esekuzzjoni tal-kuntratt pubbliku tat-13 ta’ Mejju, 2008.

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

**<u>Tilqa'</u>** t-talba tal-bank attur u tiddikjara li l-kuntratt pubbliku tat-13 ta' Mejju, 2008, fl-atti tan-Nutar Nicholas Abela bħala esegwibbli mill-ġdid u dan safejn jolqot il-bilanċ li baqa' ma' tħallasx mill-konvenuti Michael u Kathleen Abela; u

**<u>Tordna</u>** wkoll li l-ispejjeż marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenuti miżżewġin Abela;

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**